C/2025/3603

1.7.2025

DEĊIŻJONI TAL-BUREAU TAL-PARLAMENT EWROPEW

tas-16 ta' Ġunju 2025

li tistabbilixxi r-Regoli dwar ir-rimborż tal-ispejjeż imġarrba mill-petizzjonanti meta jipparteċipaw fi żjarat uffiċjali ta' ġbir ta' informazzjoni tal-Kumitat għall-Petizzjonijiet fl-Unjoni Ewropea

(C/2025/3603)

IL-BUREAU TAL-PARLAMENT EWROPEW,

— wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 227 tiegħu,

— wara li kkunsidra l-Artikolu 25, il-paragrafi 2 u 9, u t-Titolu IX tar-Regoli ta' Proċedura tal-Parlament,

— wara li kkunsidra d-Deċiżjoni tal-Bureau tal-24 ta' Ġunju 2024 dwar ir-Regoli dwar Seduti ta' Smigħ Pubbliċi,

— wara li kkunsidra d-Deċiżjoni tal-Konferenza tal-Presidenti tat-13 ta' Marzu 2025 dwar id-dispożizzjonijiet ta' implimentazzjoni li jirregolaw il-missjonijiet barra mit-tliet postijiet tax-xogħol tal-Parlament Ewropew;

Billi:

(1) Meta jkun qed jeżamina l-petizzjonijiet, jistabbilixxi l-fatti jew ifittex soluzzjonijiet, il-Kumitat għall-Petizzjonijiet tal-Parlament jista' jorganizza żjarat uffiċjali ta' ġbir ta' informazzjoni fl-Istat Membru jew fir-reġjun ikkonċernat mill-petizzjonijiet iddikjarati ammissibbli li jkun diġà sar dibattitu dwarhom f'dak il-Kumitat.

(2) Il-petizzjonanti huma regolarment mistiedna jiltaqgħu mal-membri tad-delegazzjoni ta' żjara uffiċjali ta' ġbir ta' informazzjoni tal-Kumitat għall-Petizzjonijiet meta jiġu diskussi l-petizzjonijiet tagħhom, peress li l-preżenza tal-petizzjonanti tista' tiżvela fatti kruċjali u dettalji dwar kwistjonijiet speċifiċi minħabba l-informazzjoni u l-esperjenza li jistgħu jikkondividu.

(3) F'każijiet eċċezzjonali debitament ġustifikati, għandu jkun hemm il-possibbiltà ta' rimborż tal-ispejjeż tal-parteċipazzjoni tal-petizzjonanti fi żjarat uffiċjali ta' ġbir ta' informazzjoni tal-Kumitat għall-Petizzjonijiet meta ż-żjara uffiċjali ta' ġbir ta' informazzjoni ssir barra mill-post ta' residenza tal-petizzjonanti,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Kamp ta' applikazzjoni u limitu annwali

Massimu ta' 16-il petizzjonant u petizzjonanta fis-sena li jipparteċipaw fi żjara uffiċjali ta' ġbir ta' informazzjoni tal-Kumitat għall-Petizzjonijiet fi ħdan l-Unjoni jista' jkollhom l-ispejjeż tagħhom rimborżati skont din id-Deċiżjoni u soġġett għad-disponibbiltà tal-fondi.

Artikolu 2

Talbiet għal rimborż tal-ispejjeż

1. Fl-ambitu tal-kamp ta' applikazzjoni u l-limitu stabbiliti fl-Artikolu 1, il-petizzjonanti li jipparteċipaw fi żjarat uffiċjali ta' ġbir ta' informazzjoni tal-Kumitat għall-Petizzjonijiet jista' jkollhom l-ispejjeż tagħhom rimborżati, fuq bażi eċċezzjonali u ta' każ b'każ, fuq talba tal-petizzjonanti, fid-diskrezzjoni tal-President tal-Kumitat għall-Petizzjonijiet, dment li:

— iż-żjara uffiċjali ta' ġbir ta' informazzjoni ssir fl-Unjoni;

— il-petizzjonanti jirrisjedu fit-territorju tal-Unjoni;

— id-distanza bejn il-post ta' residenza permanenti tal-petizzjonanti u l-post taż-żjara uffiċjali ta' ġbir ta' informazzjoni hija ta' aktar minn 200 kilometru.

2. Talbiet li ġew approvati mill-President tal-Kumitat għall-Petizzjonijiet għandhom jiġu ppreżentati mis-segretarjat tal-Kumitat, f'isem il-President, lill-uffiċjal awtorizzanti b'sottodelega u għandhom jindikaw l-ismijiet tal-petizzjonanti kkwotati fir-rapporti (kif ukoll in-numru tal-petizzjoni relevanti) bħala prova li r-rikjedent huwa petizzjonant jew petizzjonanta.

3. Meta l-petizzjoni tiġi ffirmata minn aktar minn persuna fiżika jew ġuridika waħda, l-ispejjeż tar-rappreżentanti maħtura biss jistgħu jiġu rimborżati.

4. Il-petizzjonanti għandhom jiġu infurmati mis-segretarjat tal-Kumitat għall-Petizzjonijiet dwar id-deċiżjoni meħuda dwar it-talba tagħhom għal rimborż.

5. Il-President tal-Kumitat għall-Petizzjonijiet għandu jkun responsabbli biex jiżgura bilanċ ġeografiku fost il-petizzjonanti li l-ispejjeż tagħhom jiġu rimborżati kull sena.

Artikolu 3

Arranġamenti finanzjarji

Il-petizzjonanti li t-talba tagħhom għal rimborż tal-ispejjeż tkun ġiet approvata għandhom dritt għal rimborż tal-ispejjeż tal-ivvjaġġar tagħhom u għal allowance għal kull jum, skont l-arranġamenti li ġejjin:

(a) Spejjeż tal-ivvjaġġar:

(i) Jekk jivvjaġġaw bil-ferrovija jew bl-ajru, il-petizzjonanti għandhom dritt għal rimborż tal-ispejjeż tal-ivvjaġġar effettivament imġarrba, sa massimu, tal-prezz tal-ferrovija tal-ewwel klassi jew tal-prezz tal-ajru tal-klassi ekonomika flessibbli, kif xieraq; dak ir-rimborż għandu jsir fuq il-bażi tal-iqsar rotta bejn l-eqreb stazzjon ferrovjarju jew ajruport tar-residenza permanenti tal-petizzjonanti u l-post tal-laqgħa, u fuq il-preżentazzjoni tal-biljetti tal-ferrovija oriġinali jew tal-ajru, f'format stampat jew elettroniku, inklużi l-karti tal-imbarkazzjoni, jekk applikabbli; jekk il-petizzjonant jistgħa juri li klassi jew rotta differenti ta' vjaġġar bl-ajru hija aktar ekonomika minn dik prevista f'dan il-punt, dak il-petizjonant jistgħa jiġi rimborżat kif xieraq; il-petizzjonanti għandhom jirċievu kumpens b'rata fissa biex jagħmel tajjeb għall-ispejjeż tal-vjaġġ ta' ritorn bejn ir-residenza permanenti tagħhom u l-eqreb stazzjon tal-ferrovija jew ajruport, inklużi l-ispejjeż tal-parkeġġ imħallsa fl-istazzjon jew fl-ajruport; l-ammont tal-kumpens b'rata fissa għandu jkun dak stabbilit fid-Deċiżjoni tal-Bureau dwar ir-Regoli dwar is-Smigħ Pubbliku;

(ii) il-petizzjonanti li jivvjaġġaw bil-karozza għandhom id-dritt, wara li jippreżentaw dikjarazzjoni fuq l-unur bil-kitba, li jirċievu rimborż b'rata fissa għall-ispejjeż tagħhom li jikkorrispondu għall-prezz tal-biljett tal-ferrovija tat-tieni klassi, ikkalkulat fuq il-bażi tal-iqsar rotta bejn ir-residenza permanenti tagħhom u l-post taż-żjara uffiċjali ta' ġbir ta' informazzjoni; jekk ma jkunx hemm stazzjon tal-ferrovija fil-viċinanza diretta tar-residenza permanenti tal-petizzjonanti jew tal-post taż-żjara uffiċjali ta' ġbir ta' informazzjoni biex ikun jista' jsir dan il-kalkolu, ir-rimborż għandu jsir fuq il-bażi ta' kumpens għal kull kilometru mħallas bir-rata stabbilita fil-paragrafu 78 tar-Regoli Interni tal-Parlament dwar il-missjonijiet u l-ivvjaġġar fuq xogħol minn uffiċjali u aġenti oħra tal-Parlament Ewropew ([1]);

(iii) l-ivvjaġġar minn u lejn post li ma jkunx ir-residenza permanenti tal-petizzjonanti jista' jiġi awtorizzat f'ċirkostanzi eċċezzjonali u għandu jiġi ġġustifikat kif xieraq mill-petizzjonanti;

([1]) Ir-rata applikabbli bħalissa hija ta' EUR 0,32 għal kull kilometru. Dak l-ammont jista' jiġi adattat.

(b) Allowances għas-sussistenza għal kull jum u għall-akkomodazzjoni fuq il-bażi ta' rati fissi:

(i) il-petizzjonanti għandhom id-dritt għal allowance għal kull jum ta' parteċipazzjoni attiva f'laqgħa sabiex ikopru l-ispejjeż tal-ikliet, it-trasport lokali fil-post taż-żjara uffiċjali ta' ġbir ta' informazzjoni u spejjeż oħra; għandu jiġi applikat tnaqqis ta' 30 % għall-kumpens ta' kuljum għal kull ikla pprovduta mingħajr ħlas; f'każ li l-kolazzjon jingħata mingħajr ħlas, dak it-tnaqqis tal-kumpens ta' kuljum għandu jkun ta' 10 %;

(ii) jekk il-petizzjonanti jkunu meħtieġa jqattgħu l-lejl fil-post taż-żjara uffiċjali ta' ġbir ta' informazzjoni, huma għandhom dritt għal kumpens b'rata fissa matul il-lejl soġġett għal awtorizzazzjoni minn qabel mill-uffiċjal awtorizzanti; f'każijiet eċċezzjonali, il-petizzjonanti jistgħu jiġu awtorizzati jqattgħu aktar minn lejl wieħed fil-post taż-żjara uffiċjali ta' ġbir ta' informazzjoni; f'każijiet bħal dawn, il-petizzjonanti għandhom dritt għal kumpens bl-istess rata fissa matul il-lejl (jew l-iljieli) addizzjonali soġġett għal awtorizzazzjoni minn qabel mill-uffiċjal awtorizzanti;

(iii) l-allowances għas-sussistenza għal kull jum u għall-akkomodazzjoni għandhom ikunu dawk stabbiliti fid-Deċiżjoni tal-Bureau dwar ir-Regoli dwar is-Smigħ Pubbliku.

Artikolu 4

Miżuri ta' implimentazzjoni

Is-Segretarju Ġenerali jista' jadotta miżuri għall-implimentazzjoni ta' din id-Deċiżjoni.

Artikolu 5

Dħul fis-seħħ u pubblikazzjoni

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fil-jum wara dak tal-pubblikazzjoni tagħha f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.